# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023

**Avviż numru: 15/2020 BS**

**Joseph Theuma**

**-vs-**

**Denise Mizzi**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-avviż ta' Joseph Theuma fejn talab lill-konvenuta Denise Mizzi tgħid il-għaliex m'għandhiex tkun ikkundannata: Tħallas lill-attur is-somma ta' **€5,688.20** bl-imgħax skont il-liġi dovuta bil-mod segwenti u naxxenti minn relazzjoni ta' impjieg tal-konvenuta mal-attur:-

Il-*commission* ammontandi għal nofs l-*invoices* segwenti liema ħlasijiet naqset li tiġbor u għalhekk il- *commission* ma kinitx dovuta iżda ħaditha xorta waħda:

a) *Eventful Meetings invoice EVM001 May 2018* għal €1,111.00;

b) *CIS invoice CIS006 September 2018* għal 374.00;

c) *Liberty group invoice LIM grp034 November 2019* għal €750.00;

d) *Liberty invoice LIM021 October 2019* għal €351.40;

e) *Malta Travel net, invoice MTS082 September 2019* għal €1,100.00;

f) *MTS083 October 2019* għal €2,240.00;

g) *Debit note* ta' *Meeting Point* li errjonjament ġiet meqjusa bħala profitti għal €1,750. Dan **in-nofs** ammontandi għal €3,838.20.

Il-*petty cash* miżmuma abbużivament mill-konvenuta għal €700.

Danni fuq *quad bike* li l-konvenuta negliġentament kriet lill-persuna taħt l-età u li ma kellux liċenzja tas-sewqan ammontandi għal €1,150.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Ottubru 2020 u tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Ottubru 2020 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment. Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuta Denise Mizzi illi eċċepiet;**

1. ILLI t-talbiet attriċi huma għal kollox [sic] infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

2. ILLI l-esponenti mhijiex debitriċi tal-attur u ma għandha tagħtih xejn, kif ser jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni tal-kawża;

3. ILLI fir-rigward ta' dik il-parti tat-talba dwar kummissjoni, l-esponenti twieġeb illi tali talba hija għal

kollox [sic] infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi hija ma kenitx obbligata illi tiġbor flejjes u l-kummissjoni li tħallset lilha mill-attur tħallset minnu u minn jeddu għaliex kienet dovuta lilha. F'kull każ u mingħajr preġudizzju għal dan, l-attur dejjem għandu r-rimedju illi jitlob il-ħlas tal-flejjes mingħand il-veru debituri tiegħu bil-mezzi kollha illi tagħtih il-liġi u mhux jitlob lura l-kummissjoni imħallsa [sic] minnu lill-esponenti;

4. ILLI fir-rigward ta' dik il-parti tat-talba dwar «petty cash», l-esponenti twieġeb illi tali talba hija għal kollox [sic] infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi hija ma żammet l-ebda «petty cash»;

5. ILLI fir-rigward ta' dik il-parti tat-talba dwar allegata ħsara fuq "quad bike", l-esponenti twieġeb illi tali talba hija għal kollox [sic] infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi hija ma kenitx negliġenti u r-rimedju mhuwiex illi l-attur ifittex lilha (ex-impjegata tiegħu) għal tali danni iżda illi jfittex lil min skondu għammillu [sic] l-ħsara;

6. SALV tweġibiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur, inklużi dawk tan-nota responsiva ippreżentata [sic] nhar it-3 ta' Novembru, 2020 għall-ittra uffiċjali ippreżentata [sic] mill-attur u tar-rikors għal revoka ta' mandat ta' sekwestru ippreżentat [sic] nhar 1-20 ta' Novembru, 2020, illi huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

**Rat** in-nota tal-attur tat-2 ta' Marzu, 2021 li permezz tagħha ddikjara li ma għadx fadallu aktar provi xi jressaq;[1]

[1] A fol. 15 tal-proċess.

**Rat** il-kuntratt ta' impjieg bejn l-attur in rappreżentanza tas-soċjetà Gozo Pride Tours u l-konvenuta Denise Mizzi li jġib id-data 23 ta Otubru, 2016;[2]

**Rat** li fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2022 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi tal-konvenuta magħluq;[3]

**Rat** li l-partijiet fis-seduta tas-16 ta Frar, 2023 talbu li l-kawża tmur għas-sentenza bil-fakolta li jipprezentaw noti;[4]

**Rat** li fl-istess seduta l-kawża ġiet differita għas-sentenza tal-lum;

**IKKUNSIDRAT:**

**Preliminari.**

L-attur f'din il-kawża qed jitlob li l-konvenuta tiġi ordnata tħallsu s-somma ta' ħamest elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€5,688.20ċ) bl-imgħax. Jgħid li dan l-ammont huwa dovut in kwantu għal tlett elef tmien mija u tmienja u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€3,838.20ċ) rappreżentanti kummissjoni fuq nofs il-fatturi li ma nġabrux il-flus dovuti; seba' mitt ewro (€700) rappreżentanti flus meħuda mill-*petty cash* mill-konvenuta abbużivament u elf mija u ħamsin ewro (€1,150) rappreżentanti danni relatati ma' inċident li seħħ meta *quad bike* li nkera mill-konvenuta lill-persuna taħt l-età li kien sprovvist mil-liċenzja tas-sewqan, kien involut f'inċident u ġarrab ħsarat li għalihom kellu jħallas l-attur.

[2] Anness mal-affidavit tal-konvenuta ppreżentat waqt is-seduta tal-21 ta' April, 2021.
[3] A fol. 148 tal-proċess.
[4] A fol. 156 tal-proċess.

Il-konvenuta min-naħa tagħha tilqa' għat-talbiet tal-attur billi tgħid li hija ma għandha tagħtih xejn. Tinsisti li xogħolha ma kienx li tiġbor flejjes dovuti. Rigward il-kummissjoni tgħid li din ingħatat mill-attur għax ried hu u tiċħad illi ħadet flus mill-*petty cash*. Fil-konfront tal-ħsarat lill-*quad bike* reklamati mill-attur tgħid li l-attur kien messu ħa passi legali kontra s-sewwieq u mhux jippretendi li tħallas hi għad-danni.

**Provi.**

**L-attur** xehed premezz ta' affidavit[5]. Huwa jgħid li huwa jaħdem għal rasu. Ix-xogħol huwa relatat ma' *jeep tours, quad bike tours* u eskursjonijiet turistiċi. Ilu f'dan il-mistier għal aktar minn tmintax(18)-il sena.

L-konvenuta hija kuġina tiegħu. Ħadmet miegħu għal tliet (3) snin u tliet (3) xhur sa Marzu 2020. Miegħu taha xogħol maniġerjali.

Ir-rikorrent għamel numru ta' tentattivi sabiex jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejnu u l-konvenuta sabiex ir-relazzjoni ta' bejniethom tiġi għas-sewwa sabiex fost l-oħrajn jiġbor il-bilanċ dovut lilu daparti tagħha għall-kummissjoni u danni oħra illi ġarrab in-negozju tiegħu minħabba traskuraġni u aġir ħażin fit-tmexxija tal-operat tan-negozju min-naħa tagħha.

L-irwol maniġerjali kien jitlob mill-konvenuta li tmexxi n-negozju minn kull aspett tiegħu. Dan minħabba d-diżabilità rari li jbati minnha r-rikorrent li jkun kostrett jirtira l-isptar għal żmien twil. Dan kien perijodu ta' 'l fuq minn sena fis-sena 2017 meta r-rikorrenti kien rikoverat fl-isptar Malta u anke fil-Ġermanja. Anke meta kellu jirtira

[5] A fol. 6.

mix-xogħol għal żmien qasir minħabba dipressjoni ħafifa li għadda minnha, kien kostrett li jħalli t-tmexxija f'idejn l-konvenuta.

Xogħol l-konvenuta kien li timmaniġġja u tqassam il-ħaddiema fuq xogħolhom: sitta (6) *full time* u għaxra (10) *part tim*e u tħallashom, tiġbor il-*booking* tax-xogħol, il-pagamenti, tħallas il-kontijiet tal-ispejjeż tax-xogħol u żżomm ir-rendikont tal-ħruġ u d-dħul finanzjarju tan-negozju. Fl-aħħar tax-xahar tagħmel ir-rapport finanzjarju. L-konvenuta kellha kontroll assolut ta' kull aspett tan-negozju.

L-konvenuta kienet titħallas: paga fissa ta' għoxrin elf ewro (€20,000) fis-sena li jitħallsu pro rata fix-xahar. Ħamsin ewro (€50) fix-xahar spejjeż tal-mowbajl u għoxrin ewro (€20) kull darba li tmur Malta. Dawn is-sebgħin (€70) kienet teħodhom hi mill-*petty cash*. Minn barra dan, fl-aħħar tas-sena, wara li jinqatgħu l-ispejjeż kollha hija tkun intitolata għal ħamsin fil-mija (50%) kummissjoni fuq il-qligħ li jaqbeż somma partikolari miftehma bejniethom. Din il-kummissjoni kienet tlaħħaq għal eluf ta' ewro fis-sena. Dan kien isir bħala inċentiv lill-konvenuta sabiex tiġbor il-pagamenti dovuti speċjalment mingħand klijenti li kienu jdumu sabiex iħallsu.

Dan ma kienx il-każ meta fis-sena 2018 u 2019, l-konvenuta naqset tiġbor is-somom ta:

1. €1,111.00 (invoice nr. EVM001 ta' Mejju 2018) mingħand il-kumpanija Eventful Meeting;
2. €374.00 (invoice nr. CIS006 ta' Settembru 2018) mingħand il-kumpanija CIS;

3. €750.00 (invoice nr. LIMgrp034 ta' Novembru 2019) mingħand il-kumpanija Liberty Malta;

4. €351.00 (invoice nr. LIM021 ta' Ottubru 2019) mingħand il-kumpanija Liberty Malta;

5. €1,100.00 (invoice nr. MTS082 ta' Settembru 2019) mingħand il-kumpanija Malta Travel Net;

6. €2,240.00 (invoice nr. MTS083 ta' Ottubru 2019) mingħand il-kumpanija Malta Travel Net u;

7. €1,750.00 li hija *debit note* tal-kumpanija Meeting Point għas-sena 2019 li l-konvenuta naqset li ddaħħalha bħala spejjeż u għalhekk ġiet tidher bħala spejjeż.

L-konvenuta xorta kienet tieħu l-flus għax kienet taċċerta lir-rikorrent li se tiġbor il-flus. Meta ma jinġabarx pagament dan kien jinqata' minn dak dovut is-sena ta' wara.

Fis-sena 2018 kien hemm żewġ pagamenti li Mizzi qaltlu li se tieħu ċans ieħor forsi jinġabru u jekk le jinqatgħu l-quddiem fl-aħħar tas-sena 2020.

Meta ngħalqet is-sena 2019, Mizzi naqset iddaħħal il-fattura fl-ammont totali ta' disat elef erba' mija u sitta u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€9,426.40ċ) għal spejjeż ta':

1. Conception Garage fl-ammont ta' €650.00;

2. High Revs fl-ammont ta' €350.00;

3. Ħlas ta' xogħol lil Sandy Mrksa ta' sigħat ta' xogħol fl-ammont ta' €750.00 bi żvista jew inkompetenza ta' Mizzi.

Għaldaqstant Theuma jitlob li jiġi rifuż nofs din is-somma fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u tlettax-il ewro u

għoxrin ċenteżmu (€4,713.20ċ) li tħallset Mizzi bħala kummissjoni li hija ma kinitx dovuta għalihom.

L-ammonti msemmija mhux imsemmijin kollha fit-talba attriċi f'din il-kawża għax hu ma kienx għadu rrealizza u kienu rriżultawlu wara. Dan peress li l-karti kollha kienu f'idejn Mizzi u ma tat ebda *handover* meta telqet mix-xogħol.

Theuma qed iżid ukoll is-somma ta' seba' mitt ewro (€700.00) li rriżultaw neqsin mill-*petty cash* tal-aħħar xahar li ħadmet fi Frar 2020.

Theuma qed jitlob is-somma ta' elf mija u ħamsin ewro (€1,150.00) bħala sofferti minnu bi traskuraġni u inkompetenza ta' Mizzi meta din kriet *quad bike* lil persuna barranija taħt l-età u li kien involut f'inċident. Mizzi kriet xorta l-*quad bike* minkejja li kienet taf li l-persuna ma kellux l-età meħtieġa ta' 'l fuq minn wieħed u għoxrin (21) sena biex isuq il-*quad bike* u allura ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Bi traskuraġni, Mizzi tat xogħol lill-kumpanija Liberty Malta fl-ammont ta' elf u ħamsa u sittin ewro (€1,065.00) f'Jannar u Frar 2020 meta mhux suppost li ngħata minħabba li ma kinux ħallsu l-pagamenti tagħhom ta' Ottubru u Novembru 2019.

Dan kollu rriżulta f'telf għan-negozju ta' Theuma u għaldaqstant Mizzi ma setgħetx tieħu kummissjonijiet fuqhom.

**In kontroeżami,**[6] ir-rikorrent jgħid li Mizzi kienet qaltlu li kellha kawża ma' min kienet taħdem Malta u rebħitlu

[6] A fol. 20a.

ħmistax-il elf ewro (€15,000). Hija ma setgħetx tibda taħdem miegħu għax kellha l-kawża pendenti.

Theuma taha twissija u Mizzi rriżenjat. F'xi żewġ okkażjonijiet qalilha sabiex terġa' taħsibha u tirtira r-riżenja. Fl-impjieg hija kellha l-amministrazzjoni tal-kumpanija f'idejha. Fil-bidu l-ħidma tagħha fil-kumpanija kienet tajba ħafna. Fl-uffiċċju kien hemm *safe* iżda mhux mill-bidu. Fis-*safe* kien ikun hemm il-*petty cash* li Mizzi kienet titfa' ġo fih u tieħu minnu kif kien jaħseb hu għax hu ma kienx ikun hemm il-ħin kollu. Kopja taċ-ċavetta tas-*safe* kellha martu wkoll minbarra Mizzi. Ir-rikonċiljazzjoni fil-ħruġ u d-dħul minn xahar ġiet ridotta għal kuljum għax kienu saru qatt ma jistgħu jaqblu. *Petty cash* f'xi kexxun kien jikkonsisti xi ħaġa żgħira tal-flus fi flixkun tal-ħġieġ.

Huwa kien ikun jaf li Mizzi ħadet mill-*petty cash* minħabba li fl-aħħar tax-xahar kienu joħorġu r-rapport. Fih hija kienet tniżżel x'daħal u ma daħalx. Fih kien ikun hemm miktub li Mizzi ħadet ħamsin ewro (€50) għal mowbajl u/jew għoxrin (€20) għal Malta. Ovvjament hija kienet tiftaħ is-*safe*, teħodhom u tinfurmah li ħadithom. Ġie li anke tieħu dawn l-ammonti mill-flus li kienu jagħtuha n-nies dak il-ħin stess. Mizzi kienet tikteb fir-rapport li tkun ħadet dawn l-ammonti.

Huwa kien ikun jaf li Mizzi sejra ħdejn l-avukat tagħha minħabba l-kawża tas-seperazzjoni minħabba li fil-karrozza ma kienx ikollha *broachers* tax-xogħol. U lil seħbitha l-iskravana qaltilha sabiex ma tgħidlu b'xejn lil Theuma.

Sabiex Mizzi tingħata l-kummissjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) fuq il-qligħ, ikun jeħtieġ li tintlaħaq is-somma maqbula li t-*threshold* tagħha ma jiftakarx. Kien ħamsin

(50%) fuq l-*over and above* kif jirriżulta mill-kuntratt. L-ammont kien jinħadem mid-dħul u l-ħruġ allavolja parti minnu jkun għadu ma tħallasx jew ma nġabarx. Kien ikun bilanċ fittizju u l-kummissjoni dovuta lil Mizzi kienet tinħadem fuq dan il-bilanċ. Irriżulta li fl-aħħar sena li ħadmet miegħu Mizzi rriżulta li kellu x'jiġbor sittin elf ewro (€60,000). Theuma qed jitlob li Mizzi għandha tirrifondi dak l-ammont tal-kummissjoni li ġie kkalkulat fuq il-bilanċ fittizju.

Mizzi setgħet, jekk riedet, tqabbad avukat sabiex jinġabru l-ammonti dovuti mingħand id-diversi klijenti. Huwa fetaħ kawżi kontra l-kumpaniji li għandhom jagħtuh li għadhom pendenti. Il-kawżi nfetħu wara li telqet Mizzi minn miegħu għax dak iż-żmien inkixfu l-affarijiet. Mizzi ġie li tat xogħol lil xi kumpanija li kien ikun ilhom ma jħallsu meta suppost ma tagħtihomx xogħol. It-terminu ta' żmien għall-ħlas mill-kumpaniji kien ikun stabbilit fil-kuntratti li jsir mal-aġenti minn Malta. Huwa kien jiġbed l-attenzjoni lil Mizzi sabiex timbotta kemm tista' u ġġib il-flus dovuti mingħand dawn l-aġenti.

Theuma ma kienx jaf li l-Conception Garage kien għad baqagħlu x'jieħu fi ħlas mingħand il-kumpanija ta' Theuma. Mizzi kienet ħalsitu tal-*jeeps* mikrijin u mhux tal-*mechanical work* li kienu jammontaw għal tmien mija u ħamsa u tletin ewro (€835.00). Dawn ma tniżżlux bħala spejjeż fl-aħħar tas-sena.

Il-kwistjoni tas-seba' mitt ewro (€700) neqsin qamet fl-aħħar ta' Frar meta sabhom iżda ma setax isir fejn huma. Mizzi telqet mix-xogħol f'Marzu u kienet diġà bin-*notice*. Mizzi kienet responsabbli mill-flus allura lilha ried jistaqsi għalihom. Theuma ma jiftakarx ivverifikax mal-cameras tas-sigurtà li għandu fl-uffiċċju.

Theuma ma riedx jagħtiha l-paga pendenti lilha wara li telqet mix-xogħol u qabel ma jiġbor l-ammonti dovuti li suppost kienet ġabret Mizzi.

Joseph Cordina prodott mill-attur xehed[7] li għandu kumpanija ta' komputista. Ilu jieħu ħsieb il-kontijiet tax-xogħol ta' Theuma għal dawn l-aħħar għoxrin (20) sena. Prinċipalment ix-xogħol jikkonsisti fil-mili tal-karti tat-taxxa bħala *self-employed* u tal-VAT.

Fis-snin 2018 u 2019 kien hemm fatturi li oriġinarjament ġew inklużi li huma pagamenti li daħħalhom Theuma iżda irriżulta li ma kienx daħħalhom. Għalhekk tinħareġ *credit note* kontra tagħhom biex jinqatgħu mill-kontijiet għaliex ikunu spiċċaw *bad debts*. L-iskop ikun sabiex il-klijent ma jispiċċax iħallas VAT/taxxa fuq flus li fil-verità qatt ma jkun daħħal.

Il-fatturi kienu:

1. EVM001 għas-somma ta' €1,111.00 mingħand il-kumpanija Eventful Meetings;
2. CIS006 għas-somma ta' €374.00 mingħand il-kumpanija CIS;
3. LIMgrp għas-somma ta' €750.00 mingħand il-kumpanija Liberty Malta;
4. LIM021 għas-somma ta' €351.40 mingħand il-kumpanija Liberty Malta;
5. MTS082 għas-somma ta' €1,100.00 mingħand il-kumpanija Malta Travel Net;

[7] A fol. 12.

6. MTS083 għas-somma ta' €2,240.00 mingħand il-kumpanija Malta Travel Net.

Jennifer Silvia Buttigieg prodotta mill-attur tgħid[8] li taħdem bħala skrivana ma' Gozo Pride Tours sa mill-2015. Lill-konvenuta tafha fuq ix-xogħol u taħdem ta' manager mill-2017. L-impjieg tagħha intemm f'Marzu 2020. Mizzi kienet responsabbli mill-operat tal-kumpanija fl-assenza ta' Theuma.

Theuma kif jafdha f'kollox lil Mizzi tant li hija mexxiet il-kumpanija sakemm Theuma dam nieqes minn Malta. Fl-uffiċċju kienu jaħdmu x-xhud u Mizzi. Bla ma trid ix-xhud kienet tkun konxja x'qed jingħad minn Mizzi. Qatt ma kellhom xi jgħidu x-xhud u Mizzi. Dejjem ħadmu id f'id fl-operat kollu tax-xogħol.

L-inkarigu tax-xhud kien li tieħu l-*bookings* u l-inkartament relattiv. Mizzi kienet tqassam il-vetturi skont il-ħtieġa tax-xogħol u affarijiet oħrajn anċillari. Kienet Mizzi li toħroġ l-irċevuti tal-ħlasijiet.

Kultant ix-xhud kienet tkun punt ta' riferenza għal Mizzi kull meta tiġi f'dubju dwar xi aspett tal-operat li jkun staqsiha dwaru Theuma.

Meta kien jiġi biex jingħalaq ix-xahar kienu diversi drabi li Theuma kien isib li x-xogħol ma kienx sar sew min-naħa ta' Mizzi. Eżempju kien ikun meta Theuma kien isib il-flus neqsin mill-*petty cash*. Dawn kienu jkunu flus li jinġabru mingħand klijent u jintużaw sabiex jinxtraw affarijiet għall-uffiċċju u anke *parts* għall-vetturi tal-kumpanija. Ġie li ġara li meta x-xhud kien ikollha l-*petty cash* kienet issib il-flus

[8] A fol. 16.

neqsin. Żgur li kienet tkun Mizzi għax hi biss kien ikollha kopja taċ-ċavetta fejn kienu jinqaflu l-flus.

Fi Frar 2020 ix-xhud sabet seba' mitt ewro (€700) neqsin mill-*petty cash* li kien l-aħħar xahar li Mizzi ħadmet mal-kumpanija. Theuma staqsa lil Mizzi dwar dawn u din irrikorriet fuq ix-xhud sabiex tistaqsiha għandhiex riċevuti dwarhom li kienet għadha ma daħlitx. Irriżulta li ma kien hemm xejn pendenti. Għalhekk Mizzi kellha twieġeb għalihom.

Il-ħlas dovut lill-kumpanija indikati fl-affidavit ta' Theuma u ċjoè 1, 2, 3, 4, 5 u 6 għadhom ma tħallsux.

Ix-xhud tgħid li rappreżentanti tal-kumpanija kienu bagħtu imejls fosthom tat-23 ta' Jannar 2020 li biha kienu avżaw lil Mizzi li għandhom *debit note* ta' elf seba' mija u ħamsin ewro (€1,750.00) ta' biljetti b'xejn għall-2019.

Ix-xhud tagħmel riferenza għall-inċident fejn sar korriment ta' klijent wara li Mizzi kriet quad bike minkejja li kienu taħt l-età. Inzerta li dakinhar ix-xhud ma kinitx xogħol. Meta ġara l-inċident Mizzi marret b'paniku fuq ix-xhud u infurmata li ġara inċident u l-kumpanija soffriet danni kbar. Ħabat tajjeb li ħadd ma korra.

**In kontroeżami,**[9] x-xhud tgħid li hija kellha l-*petty cash* tagħha fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar imbagħad Mizzi kien ikollha l-*petty cash* tagħha apparti dawk illi jinżammu fis-*safe* li x-xhud ma kellhiex aċċess għalih. Il-*petty cash* kien jinżamm f'kexxun b'ċavetta li kellha kopja tagħha wkoll Mizzi. Fl-uffiċċju kienu jidħlu anke xufiera minbarra Theuma u l-iskrivani. Hija dejjem

[9] A fol. 116.

semgħet lil Theuma li qed jgħaddi *petty cash* lil Mizzi. Għal Buttigieg il-*petty cash* kienu dawk il-flus ta' ġos-*safe*.

L-ammont ta' seba' mitt ewro (€700) naqsu mill-*petty cash* ta' Mizzi għax hekk semgħet fl-uffiċċju. Theuma u Mizzi jirreferu għal Buttigieg għax din l-ewwel tirċievi l-flus u mbagħad tgħaddihom lil Mizzi. Mhux l-ewwel darba li nstabu flus neqsin. Għandha l-impressjoni li l-kwistjoni tas-seba' mitt ewro (€700) qamet fi Frar 2020. Mizzi damet taħdem sa Marzu, meta bdiet il-pandemija tal-Covid. Ma tiftakarx jekk xi darba ċemplet lil Mizzi ppanikjata fuq is-seba' mitt ewro (€700). Dan l-ammont ma kienx tal-akkomodazzjoni għax il-flus dejjem ġabrithom sew iżda l-flus kienet tgħaddihom lil Mizzi. Is-seba' mitt ewro (€700) kienu ammonti li jinġabru fl-aħħar tax-xahar taħseb. Iżda dan dejjem minn dak li kienet tisma'. Ix-xhud ġie li rat lil Mizzi tieħu flus iżda mhux għaliha personali.

Is-sitwazzjoni għadha li l-kumpanija għadha ma tħallsitx tal-fatturi msemmijin fl-affidavit tax-xhud. Dan tafu għax hi tgħaddi l-karti lill-*accountant* u jkun hemm miktub li m'humiex *paid*.

Il-konvenuta Denise Mizzi fl-affidavit tagħha[10] tgħid li bdiet taħdem mal-Gozo Pride Tours fid-9 ta' Jannar 2017. Dan in-negozju jikkonsisti f'*sight-seeing tour agency*. Xogħolha kien ta' *Operations Manager* u l-inkarigu tagħha kien wiesgħa ħafna fil-kumpanija.

Skont il-kuntratt[11] il-paga annwali kien ta' għoxrin elf ewro (€20,000) u mbagħad żdiedet għal ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) gross fis-sena wara l-2020. Il-kuntratt jistipula li hija kienet intitolata għall-kummissjoni ta' ħamsin fil-mija

[10] A fol. 23.
[11] A fol. 29.

(50%) fuq il-profitt nett tal-kumpanija 'l fuq mill-ammont ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000). Theuma kien iddeċieda illi l-ammonti tal-kummissjoni li kien jagħtiha minn jeddu fl-aħħar tas-sena wara li jingħalqu l-kontijiet kien qiegħed jerġa' jdaħħalhom bħala spejjeż fil-kotba tal-kontijiet tas-sena ta' wara. Dan ifisser li Theuma kien jieħu lura l-ammonti tal-kummissjoni li hija tkun irċeviet mingħandu u li jkun taha minn jeddu. Barra minn dan Theuma kien fadallu jagħtiha elf u mitt ewro (€1,100) kummissjoni minn tas-sena 2019 in konnessjoni ma' ftehim illi kellu ma' *souvenir shop* ġewwa l-Għarb.

Theuma kien idaħħal l-ispejjeż tad-*diesel* tal-vettura tiegħu li kienu jitilgħu għal ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa bħala spejjeż tax-xogħol. Fl-aħħar tas-sena l-ammont tad-*diesel* kien jittieħed in konsiderazzjoni għall-kalkolu tal-profitti nett tan-negozju. Dan ifisser li Theuma naqas li jagħti kummissjoni lil Mizzi s-somma ta' tlett elef disa' mitt ewro (€3,900) fuq l-ammont ta' sebat elef tmien mitt ewro (€7,800) fuq il-konsum ta' *diesel* tul tliet (3) snin. Barra minn dan Theuma naqas li jħallas elf seba' mija u sitta u disgħin ewro u sittax-il ċenteżmu (€1,796.16) f'kumpens għall-frank mhux meħud minn Mizzi minħabba n-natura tax-xogħol li ma jippermettix li wieħed jieħu jiem frank. Hemm ukoll il-bilanċ dovut ta' elfejn u wieħed u erbgħin ewro (€2,041) li jikkonsistu f'kontijiet tal-mowbajl li ntefqu 'l fuq mill-ħamsin ewro (€50) fix-xahar peress il-bżonn tal-kuntatt regolari u ta' kuljum mat-turisti minkejja li Mizzi ġibdet l-attenzjoni ta' Theuma dwar dan.

Għalhekk skont il-kuntratt, l-ammont dovut lil Mizzi minn Theuma huwa ta' sittax-il elf tmien mija u sebgħa u tletin ewro u sittax-il ċenteżmu (€16,837.16ċ).

**L-impjieg**

Fl-ewwel sena tal-impjieg, Mizzi u l-iskrivan Mark Galea kienu jieħdu ħsieb il-*bookings* individwali tat-tours tal-jeeps u tal-quads. L-iskrivana l-oħra, Jennifer Buttigieg, kienet responsabbli biss għall-*bookings* fl-akkomodazzjoni illi għandu Theuma taħt kumpanija separata Gozo Pride Holidays.

Wara xahrejn ta' xogħol, Theuma kellu jsiefer minħabba saħħtu fejn dam xahrejn. Mizzi kienet iżżomm kuntatt miegħu kuljum b'telefonati u sms.

F'Diċembru 2017, Mark Galea rriżenja mill-pożizzjoni tiegħu minħabba problemi personali. Mizzi u Buttigieg iddeċidew li jkomplu jmexxu bejniethom bla ma jdaħħlu sostitut flok Galea. Għas-sena 2018. Kienet sena iebsa fejn kien ikollhom madwar mitt (100) turist kuljum fuq tour.

F'Jannar 2018 Theuma ddeċieda li jmur *cruise* madwar id-dinja kollha fejn dam għal aktar minn sitt (6) xhur. Kien jinżamm kuntatt kuljum bejn Mizzi u Theuma u dan deher kuntent bl-ammont ta' xogħol li kien qed jidħol kuljum.

Wara s-sena 2018, Theuma ddeċieda li jdaħħal lil bintu, Amy Theuma, ta' ħmistax(15)-il sena taħdem flok Galea. Din ma damitx għax Buttigieg ma kellhiex paċenzja tgħallimha. Kien daħlet anke Marija Mlandenovic f'Mejju 2018 li anke kellha titlaq għax ma setgħetx taħdem ma' persuna bħal Buttigieg.

Waqt is-safar ta' Theuma lejn l-aħħar tas-sena 2018, qraba tiegħu wissewh fuq Buttigieg. Meta ġie lura mis-safar Theuma u Mizzi kienu jiltaqgħu fir-residenza tiegħu fejn ma tkunx preżenti Buttigieg. Meta Theuma kien għadu msiefer f'Jannar 2019, Mizzi kellha offerta ta' xogħol ieħor bħala Assistenta Personali tas-*CEO* tal-Arcadia, Għawdex.

Hija ma aċċettatx peress li s-sieħeb ta' Buttigieg tfaċċatlu marda u kellu bżonn ħafna l-għajnuna ta' Buttigieg li kienet se tkun nieqsa minn fuq il-post tax-xogħol. Mizzi ħasset li kienet se tagħmel ħsara lil Theuma jekk titlaq f'dak iż-żmien.

Fi Frar 2020 tat in-*notice* li kellha tispiċċa minn mal-kumpanija fl-aħħar ta' Marzu 2020 sabiex tapplika għall-pożizzjoni ta' Human Resources Generalist ma' Steward Health Care peress li kienet mal-linja tal-karriera tagħha u għal li studjat l-Università ta' Malta. Theuma talabha darbtejn sabiex ma titlaqx minn miegħu matul il-perijodu tan-*notice*. Iżda rrifjutat minħabba l-opportunità l-ġdida u anke minħabba s-sigħat twal ta' xogħol u wliedha. Waqt il-perjodu tan-*notice*, Theuma talabha li tagħti *handover* tal-kontijiet lil bintu Amy ta' sittax(16)-il sena. Hija għamlet hekk u fuq talba ta' Theuma għaddiet anke l-*pin number* tas-*safe* wkoll lil Amy. Mizzi telqet l-impjieg qabel ma għadda n-*notice* minħabba diżgwid li nqala' ma' Theuma. L-aħħar jum tagħha kien l-10 ta' Marzu 2020. Il-kontijiet tax-xahar ta' Frar 2020 kienu għaddewhom flimkien u qablu mad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi.

Fil-bidu ta' April 2020, Buttigieg ċemplet lil Mizzi b'paniku fuqha minħabba li ma setgħetx issib pagament ta' seba' mitt ewro (€700) fuq xi *booking* ta' akkomodazzjoni. Buttigieg kienet talbet seba' mitt ewro (€700) mis-*safe* lil Mizzi u ma setgħetx issibhom fil-kexxun tagħha. Buttigieg qaltilha li dan ġara fix-xahar ta' Frar 2020 u dak ix-xahar kien ingħalaq sew. Saħansitra ċemplilha wkoll Theuma dwarhom u dan qalilha li «*ħawdet xi ħaġa Jennifer mela, bħas-soltu!*» Theuma semma dan l-ammont ma' Mizzi fil-bidu ta' April 2020 meta hija kienet diġà ħalliet l-impjieg tagħha madwar tliet (3) ġimgħat.

Mizzi staqsietu għall-pagament tagħha ta' Marzu u Theuma qalilha li mhix se tieħdu qabel ma jinġabru l-fatturi tas-sena 2019 li ma kinux tħallsu. Mizzi stenniet diversi xhur sabiex jgħaddilha l-aħħar paga u l-ammont tal-kummissjoni li kien għad fadallu jgħaddilu tas-sena 2019. Hija marret għand il-*Labour Office* iżda huma setgħu jkellmu lil Theuma fuq il-paga bażika biss ad esklużjoni tal-kummissjoni. Il-paga ta' Marzu 2020 kienet tal-ammont nett ta' tlieta mija u ħamsin ewro (€350). Minħabba li marret għand il-*Labour Office*, Theuma bagħtilha bl-avukat li Mizzi kellha ttih l-ammont ta' ħamest elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€5,688.20ċ). Mizzi fetħet kawża kontra Theuma għall-flejjes li għandu jtiha u Theuma fetaħ din il-kawża.

**Ammonti li l-kumpanija Gozo Pride Tours baqgħet ma tħallsitx tagħhom.**

L-irċevuti li għamlu riferenza għalihom Theuma u Buttigieg, u li din qatt ma kellha x'taqsam mal-kontijiet tal-kumpanija, huma fatturi għas-snin 2018 u 2019. Mizzi kienet iċċempel kull tliet (3) xhur lill-kumpanija sabiex iħallsu l-ammonti dovuti. Kull sena, Mizzi u Theuma kienu jagħlqu l-kontijiet tal-kumpanija u toħroġ il-kummissjoni dovuta lil Mizzi wara li jsiru l-kalkoli li kwalunkwe profitt nett li tkun għamlet il-kumpanija 'l fuq minn mija u ħamsin elf ewro (€150,000) mbagħad jinqasam nofs bin-nofs bejniethom.

Fi tliet (3) snin li damet taħdem ma' Theuma, qatt ma ssemma li Mizzi kienet intitola biss għall-kummissjoni meta tiġbor il-flus mingħand il-klijenti. Hija dejjem tħallset tal-kummissjoni rrispettivament minn jekk kinux ħallsu l-klijenti lil Theuma jew le. L-FS3 ta' Mizzi għas-snin 2017,

2018 u 2019 jidher ċar li l-kummissjoni dejjem ħaditha fix-xahar ta' Diċembru.

### Il-*petty cash*

Tgħid li trid issir distinzjoni bejn il-*petty cash* ta' Buttigieg u s-*safe* li kien ikun fl-uffiċċju ta' Mizzi. Buttigieg kienet tingħata mitejn ewro (€200) *petty cash* fix-xahar għal li jista' jinqala'. Buttigieg kienet tgħaddi r-riċevuti kollha fl-aħħar ta' kull xahar. Rari li Buttigieg kienet taqbel fil-bqija tal-mitejn ewro (€200) iżda dawn kienu jkunu ammonti ta' ftit ewro u dejjem ħarġithom minn butha biex tiġi taqbel.

Ċavetta għall-kexxun tagħha fejn kienet iżżomm il-*petty cash* kellha kopja Buttigieg u oħra fis-*safe* tal-kumpanija. Il-kexxun kien ikun maqful biss meta Buttigieg kienet tmur lura lejn id-dar wara x-xogħol.

Mizzi kellha aċċess b'mezz ta' ċavetta jew *pin number* għas-*safe* tal-kumpanija. Fih kienu jinżammu ammonti kbar ta' flus, speċjalment fis-sajf, li kienu pagamenti minn *bookings*. Fih kien hemm ukoll kotba taċ-ċekkijiet tal-kumpanija u ċ-ċavetta tal-kexxun ta' Buttigieg u l-pagi ta' xufiera li kienu jaħdmu mingħajr il-ktieb tax-xogħol. Kopja taċ-ċavetta kienet iżżommha Mizzi dejjem fuqha u kopja oħra fid-dar residenzjali ta' Theuma. Theuma u Mizzi biss kienu jafu l-*pin number*. Kien hemm *cameras* tas-sigurtà fl-uffiċċju u anke fil-garaxxijiet.

### L-inċident tal-*Quad Bike*

Fi Frar 2020, Miżżi nzertat waħedha fuq ix-xogħol għax Buttigieg kienet qed takkumpanja lil żewġha Malta għal raġunijiet ta' saħħa. Fuq talba ta' aġent Għawdxi nħarġu ħmistax(15)-il *quad bike*. Hija spjegatilhom il-kundizzjonijiet fl-użu u s-sewqan tal-*quad bikes* fosthom li jobdi l-ordni tat-

*tour leader* u li jħallsu l-ispejjeż f'każ ta' inċident li jkunu ġarrbu tinfetaħ *claim* ma' tal-assigurazzjoni f'każ li l-ammont ikun kbir. F'każ li wieħed minnhom ikun inqas minn wieħed u għoxrin (21) sena etá ikun irid jiffirma bħala *Disclaimer Driver* u jitħalla xorta jsuq madwar Għawdex.

Wara ftit li telqu lkoll, it-*tour leader* ċempel lil Mizzi li ġara inċident minn min iffirma d-*Disclaimer Driver* u avżatu sabiex iħallas tlieta u ħamsin ewro (€350) u jibgħatilha kopja tal-liċenzja tas-sewqan bħalma kienet il-proċedura f'tali każi. Minkejja li Mizzi baqgħet iżżomm kuntatt ma' dan ix-xufier wara li ntemm it-*tour*, dan baqa' qatt ma bagħat ritratt tal-liċenzja u allura l-*claim* ma setgħetx tinfetaħ. Theuma kien deher urtat ferm ma' Mizzi għal dan l-inċident u wissieha li għandha tisma' minnu jekk riedet iżżomm l-impjieg tagħha miegħu.

Ftit ġimgħat wara dan l-inċident, Mizzi kienet irċeviet l-offerta tal-impjieg mingħand Steward Health Care fuq bażi *full time* bħala Human Resources Generalist. Wara l-konfront li seħħ bejnha u bejn Theuma, hija aċċettat ix-xogħol il-ġdid.

Theuma qed jippretendi li Mizzi tħallsu tad-danni tal-ħsara fuq il-*quad bike* fl-ammont ta' elf mija u ħamsin ewro (€1,150). Theuma kellu diġà l-*parts* għax huwa nnifsu huwa aġent tagħhom peress li jimpurtahom direttament miċ-Ċina u jbigħ minnhom minbarra li jsewwi tiegħu. Huwa kien iniżżel li l-*parts* huwa parti mill-*overheads* tan-negozju fl-għeluq tal-kontijiet ta' kull sena minn Theuma u Mizzi. Allura jiġi li bħala impjegata tiegħu Mizzi tkun diġà ħallset nofs l-ispejjeż tal-*parts* illi ntużaw biex jissewwa l-*quad bike* mertu tal-inċident imsemmi.

**Fl-affidavit ulterjuri,**[12] Mizzi tgħid li qed iżżid din ix-xhieda wara li semgħet lil Theuma jixhed in kontroeżami. Theuma ma xehedx sewwa meta qal li ma kienx jaf li Buttigieg iżżomm *petty cash* u li kien jingħalaq ta' kull xahar kif jirriżulta min-numru ta' messaġġi bejn Mizzi u Theuma u bejn Mizzi u Buttigieg. Il-*petty cash* kien jinżamm għand Buttigieg sabiex hi jkollha ftit flus fil-pussess tagħha.

Inkwantu l-pagament tal-aġenti lill-kumpanija, qatt ma kienet ġiet infurzata *policy* tal-ħlas fi żmien disgħin (90) jum. Infatti mill-messaġġi juri li Theuma ma qal xejn lil Mizzi meta Aeolos TUI waqgħet lura fil-pagamenti u Mizzi m'għandiex taċċetta aktar xogħol mingħandhom sakemm iħallsu.

Inkwantu l-inċident tal-*quad bike,* kienet prattika normali ħafna li Theuma jawtorizza lill-ħaddiema kollha tiegħu sabiex jikru l-*quad bike* mingħajr ma juru kopja tal-liċenzja tas-sewqan sabiex ma jitlifx xogħol. F'tali każi huwa kien jitlob li tiġi ffirmata d-*Disclaimer Driver* fuq il-formola tat-tour tal-*quad bikes* bħalma ġara fis-17 ta' Jannar 2020 f'inċident ieħor fejn is-sewwieq ġie awtorizzat isuq il-*quad bike* mingħajr il-liċenzja u Buttigieg talbitu kopja tal-liċenzja tas-sewqan sabiex tiftaħ il-*claim*.

**In kontro-eżami,**[13] Mizzi tgħid li b'riferenza għad-debolizza li jbati minnha Theuma tafha mill-esperjenza tagħha fix-xogħol miegħu u għax taf ukoll lill-familja ta' madwaru peress li huwa kuġin magħha. Anke *suppliers* qalulha li tiġihom ħniena minn Theuma għax ma kinux jafu kif ser jieqfu jaħdmu miegħu. Hija marret taħdem ma'

[12] A fol. 54.
[13] Mingħajr paġinazzjoni. Data 24 ta' Novembru 2022.

kuġinuha fuq insistenza t'ommha li tiġi z-zija materna ta' Theuma kif ukoll li kienet mingħajr xogħol.

Meta diġà kienet irriżenjat mill-impjieg li kienet infurmat lil Buttigieg li sabitilha xogħol aħjar u titlaq lil Theuma minħabba li kienet fetħet qalbha magħha li ma tistax tkampa waħedha u bit-tifla ta' Theuma, Amy, fil-post tax-xogħol. Baqgħet taħdem ma' Theuma sakemm dan biegħ in-negozju tiegħu.

Lanqas ma huwa veru li Mizzi qalet lil Maurice Grima biex idabbar rasu għax Theuma kien ilu tliet (3) snin jgħidilha biex tkeċċih. Maurice baqa' jaħdem ma' Theuma fuq insistenza ta' Mizzi minkejja pressjoni minn Theuma sabiex hija tkeċċih mill-impjieg. Iżda meta telqet Mizzi minn ma' Theuma ħadd ma seta' jaħdem miegħu aktar.

Mizzi tiċħad li talbet lil Theuma jtiha parti mill-kummissjoni fi flus kontanti minħabba l-kawża ta' separazzjoni minn ma' żewġha li kienet għaddejha dak iż-żmien. Fl-ewwel sena l-bonus ġie għaxart elef ewro (€10,000) gross. Theuma kien ċemplilha u qalilha li ħa jtiha elf ewro (€1,000) oħra ħalli jagħmlilha kuraġġ biex tkompli taħdem kif kienet qed taħdem. B'kollox ħdax-il elf ewro (€11,000).

Fis-snin sussegwenti Mizzi ħadet kummissjoni inqas peress li skont il-ftehim hija kellha teċċedi t-*threshold* ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000). Iżda Theuma beda jdaħħal il-bonus fil-lista tal-ispejjeż. Meta kkonfrantatu huwa weġibha li m'għandhiex tippretendi għax mhux ħa jinkludi l-ħamsin fil-mija (50%) miegħu wkoll biex tintlaħaq it-*threshold*.

Il-flus li qalgħet ma' Theuma kollha ġew iddikjarati u mhux imwarrba minħabba l-kawża tas-separazzjoni minn ma' żewġha. Il-paga żdieda fl-2020 u tellagħhielha għal ħamsa u għoxrin (25) gross minn għoxrin (20) gross.

Mizzi waslet għall-figura ta' sebat elef ewro (€7,000) konsum *diesel* tal-vettura ta' Theuma wara li ħadet averija.

Xhud ieħor, **PC75 Kevin Saliba**,[14] jgħid li kulma sab fuq Theuma kien *lost-and-found* fid-*database* tal-pulizija.

**Ikkunsidrat:**

Mit-talba kif impustata mill-attur jirriżulta li huwa qed jippretendi l-ħlas lura ghas-segwenti:

i) kummissjonijiet li tħallsu lill-konvenuta meta skont hu ma kinux dovuti għax il-flus dovuti lill-kumpanija ma kinux għadhom ingabru mill-konvenuta. L-ammont huwa ta' tlett elef tmien mija u tmienja u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€3,838.20);

ii) Flus meħuda mill-konvenuta mill-***petty cash***—seba' mitt ewro (€700);

iii) Danni li ġarrbet *quad bike* li nkriet mill-konvenuta lil persuna li ma kellhiex liċenzja tas-sewqan— elf mija u ħamsin ewro (€1,150);

Il-Qorti tibda billi tinnota li tul il-prosegwiment tal-kawża l-attur ta l-verzjoni tiegħu tal-fatti u anke ppreċiza li l-ammont li huwa qed jippretendi mill-konvenuta huwa ferm ogħla minn dak indikat fl-avviż promotur. Minkejja li diversi drabi waqt ix-xhieda tiegħu u l-kontroezami l-attur elenka r-raġunijiet għaliex qed jippretendi ammont

[14] A fol. 129.

differenti minn dak indikat minnu fl-avviż huwa naqas milli jitlob il-korrezzjoni tal-ammont imniżżel fl-istess avviż u għalhekk il-Qorti llum hija tenuta tgħaddi ġudizzju fuq l-ammont ippreċiżat fl-avviż u l-ebda ammont ieħor.

Ippreċiżat dan imiss issa biex il-Qorti tqis it-talba tal-attur u ser tagħmel dan billi tevalwa l-fatti għal kull pretensjoni sollevata mill-attur. Għalhekk ser tibda biex tqis it-talba għal ħlas lura ta' flus imħallsa mill-attur lill-konvenuta bħala kummissjoni. L-attur qed jippretendi l-ħlas lura tas-somma ta' tlitt elef tmien mija u tmienja u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€3838.20ċ). L-argument miġjub mill-attur huwa li dan l-ammont tħallas lill-konvenuta meta din fil-fatt kienet għadha ma ġabritx il-flus dovuti u għalhekk teknikament ma kinet dovuta l-ebda kummissjoni fuq tali fatturi.

Ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta kienet regolata permezz ta' kuntratt ta' impjieg. Mill-qari ta dan il-kuntratt[15] jirriżulta li l-partijiet kienu qablu li *«...the EMPLOYEE is also eligible to an annual commission of 50% based on her performance coupled with the* ***performance of the Company as a whole***[16] *at the end of the year»*. Dan ifisser illi li l-ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet f'dak li jirrigwarda ħlas ta' kummissjoni kien li l-konvenuta titħallas kummissjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) li tkun ibbażata fuq ix-xogħol li tirrendi u l-profitti magħmula mill-kumpanija. Dan ifisser illi l-ammont dovut qua kummissjoni ma seta' qatt ikun fiss, fl-istess ammont kull sena u għalhekk kien suġġett għal reviżjoni li in parti tiddependi fuq x'joħroġ mill-kontijiet tal-kumpanija fl-aħħar tas-sena.

[15] A fol. 30 tal-proċess.
[16] Enfażi miżjuda.

Huwa minnu li skont ix-xhieda mogħtija minn Joseph Cordina u Jennifer Buttigieg prodotti mill-attur kien hemm numru ta' fatturi li l-ħlas tagħhom ma nġabarx, madankollu dan deċiżament ma hux suffiċjenti bħala prova li l-konvenuta tħallset dak li ma kienx dovut lilha qua kummissjoni.

L-ewwelnett l-Qorti tippretendi li ġaladarba l-kuntratt ta' impjieg mal-konvenuta kien tant ċar li l-ftehim kien li l-kummissjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) tkun tiddependi fost l-oħrajn fuq kif tagħlaq is-sena l-kumpanija, l-attur kellu jressaq stampa aktar ċara tal-kontijiet għas-snin li huwa jgħid li din il-kummissjoni tħallset żejda.

Barra minn hekk tosserva wkoll li l-kummissjoni li l-attur qed jippretendi li għandha titħallas lura, kienet tħallset minnu lill-konvenuta mingħajr ebda problema. L-attur ma kienx kostrett iħallas il-kummissjoni u għamel hekk liberament. In kontroeżami aċċetta illi huwa kien iħallas il-kummissjoni fuq l-ammont li jirriżulta mill-fatturi maħruġa u mhux fuq il-ħlasijiet li jkunu inġabru. Dan ma jfisser xejn għajr li l-attur kien ben konsapevoli tar-riskju li qed jieħu meta kellu l-għarfien li l-ammont imħallas lill-konvenuta bħala kummissjoni ma kienx jirrispekkja d-dħul reali tal-kumpanija madankollu għażel li jħallasha xorta waħda u għalhekk issa ma jistax jippretendi li jieħu lura ħlas aktar u aktar meta ma ppreżenta l-ebda dokument tad-dħul reali li kellha l-kumpanija fis-snin li tagħhom qed jitlob ir-rifużjoni. Għalhekk in vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet tqis din it-talba mhux pruvata u għalhekk ser tiċħadha.

Rigward it-talba għall-ħlas lura tas-somma ta' seba' mitt ewro (€700) li l-attur jallega li nżammu abbużivament mill-konvenuta, il-Qorti tibda biex tosserva li f'dan il-każ l-attur stess in kontroeżami meta mistoqsi mill-abbli difensur tal-

konvenuta jekk jistax jgħid li l-flus ħadithom il-konvenuta l-attur irrisponda li ma setax jgħid li ħadithom hi.[17] Barra minn hekk il-Qorti rat ukoll xhieda esibita in atti li l-attur kien ta' fi proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konvenuta u żewġha fejn dakinhar l-attur bil-gurament ikkonferma li l-konvenuta ħadet sitt mitt ewro (€600) bil-kunsens tiegħu għax skont hu kienet infurmati li kellha tmur Malta għand l-Avukat tagħha. Dakinhar ukoll xehed illi huwa qatt ma kellu problemi mal-konvenuta.[18]

Tirrileva wkoll li waqt il-kontroeżami tiegħu l-attur jammetti li fl-uffiċju fejn kienet taħdem il-konvenuta u kienu jinżammu l-flus hemm il-kameras tas-sigurtà, iżda l-attur isostni li lanqas biss jiftakar jekk rax il-filmati biex jiskopri min effettivament ħa il-flus.[19]

L-assjem ta' dawn il-provi meħudin flimkien ma jikkonvinċu xejn lill-Qorti li l-konvenuta ħadet is-somma ta' seba' mitt ewro (€700) kif jallega l-attur u għalhekk il-Qorti ser tiċħad din it-talba wkoll.

Fil-konfront tal-ħsarat imġarrba mill-*quad bike* li l-attur jgħid li l-konvenuta kriet lil terz li ma kellux liċenzja tas-sewqan, hawnhekk il-Qorti tosserva li dak li qed jitlob l-attur huwa danni mingħand il-konvenuta. Madankollu ma nġabet ebda prova li tissostanzja l-allegazzjoni tal-attur. Oltre minn hekk tinnota l-inkonsistenza fix-xhieda mogħtija mill-attur billi dan jafferma li l-impjegata Jennifer Buttigieg kienet ġibdet l-attenzjoni tal-konvenuta li s-sewwieq kien jidher taħt l-età mentri minn naħa l-oħra l-istess Jennifer Buttigieg xehdet li dakinhar hija ma kinitx xogħol u li l-konvenuta kienet l-uffiċċju waħedha.

[17] Fol. 15 tal-kontroeżami tal-attur li sar fis-seduta tat-23 ta' April, 2021.
[18] A fol. 100 tal-proċess.
[19] A fol. 14 tal-kontroeżami waqt is-seduta tat-23 ta' April, 2021.

Rinfaċċata b'nuqqas ta' provi kif ukoll xhieda inkonsistenti, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad din it-talba wkoll.

**DECIDE:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talba tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' ħamest elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u għoxrin ċenteżmu (€5,688.20ċ) bl-imgħax.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża a karigu tal-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**